# Il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir Id-deheb

*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela*

Ftit tas-snin ilu bdejna nitkellmu, f'dan il-programm tal-Festa maħruġ mid-Dilettanti ta' l-Armar, kull sena dwar xi kappella ċkejkna li tinsab fil-parroċċa tagħna. Bħas-soltu ġejt mitlub biex nagħti tagħrif dwar waħda minn dawn il-kappelli u għal din is-sena ħsibt li nitkellem dwar il-kappella tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb, limiti taż-Żejtun.



Il-Knisja minn ġewwa

## Tifsira ta' l-isem "Bir id-Deheb"

Nistgħu nibdew bl-oriġini ta' l-isem "Bir id-Deheb". Ejjew ninsew għal dejjem il-ħrafa li dan l-isem beda fi żmien il-Franċiżi, meta xi Żwieten, imbeżżgħin li s-suldati Franċiżi kienu se jisirqu t-teżori tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, ħbew dawn it-teżori f'bir f'wesgħa li kienet bejn iż-Żejtun u Ħal-Għaxaq. Veru li s-suldati Franċiżi damu aktar minn ġimgħa jorqdu u jagħmlu li jridu fil-knisja taż-Żejtun; veru wkoll li ppruvaw jisirqu minn din il-knisja, għaliex sal-lum għad baqa' fis-sagristija sinjali li huma sgassaw il-kaxxariżi fejn il-qassisin kienu jżommu l-kalċijiet tal-fidda u ħwejjeġ oħra; veru wkoll li fil-fatt serqu xi affarijiet mill-knisja parrokkjali. **Iżda l-isem "Bir id-Deheb", jew l-espressjoni li minnha hu mnissel dan l-isem, ilu marbut ma' din il-parti taż-Żejtun mijiet ta' snin qabel il-Franċiżi ġew Malta!** Il-kelma **"bir"** jew **"bur"** hi kelma Maltija qadima li tfisser qasam jew art mogħxa li mhix tajba għaż-żrigħ, u mhux bilfors ċisterna li fiha jinġabar l-ilma tax-xita. **Fil-fatt l-isem "Bir id-Deheb" mhu xejn ħlief korruzzjoni ta' l-isem "Bur id-dihib".** F'kuntratt tas-sena 1518 naqraw li t-taqsima art "ta' dihib" kienet tinsab 'Raħal Bajda, li nafu kien jibda mir-Raħal ta' Fuq tal-lum u jibqa' nieżel mat-triq li tagħti għal Birżebbuġa. Il-kelma "dihib", miktuba hekk, fi żminijietna ma teżistix, għalkemm għandna l-kelma "dib", li għandha aktar minn tifsira waħda. Per eżempju, għandna l-espressjoni "Għenb id-dib", li hi xitla, b'weraq impizzat aħdar u fjuri żgħar maqluba l-isfel, ta' kulur abjad, u li hi komuni fin-niedi mal-ħitan tas-sejjieħ. Imbagħad f'dokument tal-1536 dan il-post jissejjaħ **"Biridueb". "Dwieb li l-plural ta' "debba".** Allura seta' jfisser il-post fejn kien hemm aktar minn debba waħda. Barra minn hekk, fis-seklu 15, "Dub" kien kunjom ta' familja, u allura seta' jirreferi għal xi familja b'dan il-kunjom.

## Ħal Ġwann

Fl-imgħoddi l-kappella żgħira qadima li flokha llum tinsab il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena, kienet ukoll ikkunsidrata li tagħmel parti mir-raħal ċkejken ta' Ħal Ġwann, li kien, bejn wieħed u ieħor, bejn Bir id-Deheb tal-lum u l-kappella ta' Sant' Anġ fir-Raħal ta' Fuq – il-parti taż-Żejtun li llum komunement insejħulha "Ta' Tablin". Dan ir-raħal ċkejken kien jissejjaħ Ħal Ġwann għaliex kien fih kappella żgħira, li llum m'għadhiex teżisti, ddedikata lil dan il-qaddis. Prova ta' dan hu l-fatt illi madwar 40 sena ilu kien għadu mdendel f'waħda mill-kmamar ta' fuq tal-kappella żgħira "Tal-Ħniena", il-kwadru tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann, li fi żminijiet imbegħda kien il-kwadru titulari tal-kappella qadima ta' San Ġwann. Il-fatt li meta waqgħet din il-kappella dan il-kwadru ttieħed

'"Tal-Ħniena", u fl-ebda knisja oħra taż-Żejtun, inkluża dik parrokkjali, juri l-importanza li "Tal-Ħniena" kellha fir-raħal ċkejken ta' Ħal Ġwann. Illum dan il-kwadru qadim jinsab fil-Mużew Parrokkjali. F'dokumenti tas-sekli 15 u 16 insibu bosta riferenzi għal dan ir-raħal ċkejken, ħafna drabi taħt ismu bil-Latin "Johanni". Sal-lum it-toroq ta' din il-parti taż-Żejtun għadhom imsemmija għal San Ġwann.

## L-eqdem kappella f'Bir id-Deheb

**L-ewwel riferenza li niltaqgħu magħha għall-kappella f'Bir id-Deheb hi fir-rapport taż-żjara li Mons. Pietru Dusina għamel liż-Żejtun fl-1575.** Jgħid, kif għadna kemm spjegajna, li din il-kappella kienet f'Ħal Ġwann, u kienet iddedikata lil Santa Marija. Ma nħawdux Santa Marija tal-lum, li kienet f'Ħal Bisbut, mal-kappella ċkejkna ta' Bir id-Deheb, li kellha qiegħa (paviment tal-franka), altar dejjaq u bibien ta' l-injam, imma ma kellhiex rettur, tiżjin u ħwejjeġ oħra, u kienet mil il-bogħod mir-raħal ta' Santa Katarina. Dusina ta struzzjoni biex din il-kappella tinżamm aħjar. Ma nafux jekk qabel l-1575 kienx hemm fl-istess post xi kappella eqdem flok dik imsemmija minn Dusina. Dokument ieħor importanti hu r-rapport taż-żjara li Mons. Isqof Baldassare Cagliares għamel lil din il-kappella qadima fl-1618, meta l-Isqof jagħtina x'nifhmu li diġa' f'dik is-sena din il-kappella kienet qadima ħafna, għaliex ħass il-ħtieġa li saħansitra jagħlaqha minħabba l-ħsarat li kellha. Dan l-isqof kien midħla sew taż-Żejtun, għaliex kellu r-residenza tiegħu tas-sajf f'Bisqallin, il-parti taż-Żejtun li llum insejħulha r-Raħal t'Isfel. **Dan jipprova li l-eqdem kappella f'Bir id-Deheb tmur lura aktar minn 400 sena!** Interessanti wkoll hu l-fatt li dak iż-żmien din il-kappella kienet iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija. Jidher li kienet teżisti f'dawk iż-żminijiet imbegħda xi devozzjoni speċjali lejn din l-ewwel kappella f'Bir id-Deheb, għaliex tliet snin biss wara, jiġifieri fis-sena 1621, l-Isqof Cagliares ta l-permess li l-kappella tinfetaħ mill-ġdid għall-użu tad-devoti.

## L-isem "Tal-Ħniena" jidher fiż-Żejtun

Ta' min jgħid li meta l-kappella reġgħet infetħet fis-sena 1621, ma nsibuhiex aktar iddedikata lil Santa Marija, iżda tissemma taħt it-titlu "Madonna tal-Ħniena". Barra minn hekk, **kien l-ewwel darba f'Malta li jidher dan it-titlu tal-Madonna "Tal-Ħniena"**, li hu verżjoni oħra tat-titlu "Madonna tal-Pietaċ", peress li fil-Latin jinkiteb kemm *Pietatis* kif ukoll *Misericordiæ*. Ikun ġieħ għaż-Żejtun li kellu jiġi stabbilit aktar fiċ-ċert li d-devozzjoni f'Malta lejn il-Madonna tal-Ħniena bdiet proprju fil-parroċċa tagħna. Fil-fatt bdiet issir il-festa f'din il-kappella nhar il-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm. Iżda jidher li l-kappella għaddiet minn taqlib ġmielu, għaliex fl-1659 tant kienet sdingata li l-Isqof Balaguer Camarasa ordna li tingħalaq u l-altar tagħha jiġi trasferit għall-kappella tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna f'Ħal Bisbut. Reġgħet infetħet mill-Isqof Molina xi żmien qabel l-1679, meta kienu tlestew it-tiswijiet meħtieġa. Din il-kappella kienet diġa' t-tieni kappella li eżistiet fl-istess post. Kien żmien meta l-knisja parrokkjali li nużaw illum kien jonqosha ftit tas-snin biex tibda tinbena. Nhar it-Tnejn wara l-Għid il-Kbir kienet issir purċissjoni mill-knisja parrokkjali, li allura kienet għadha dik li llum insejħulha "Ta' San Girgor", għall-kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Barra minn hekk, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ħniena hi qadima ferm, għaliex mhux ftit kienu l-pellegrini li kienu spiss iżuruha.

## Il-kwadru antik tal-Madonna tal-Ħniena

Mit-tieni kappella għad baqagħlna ċerti affarijiet li jfakkruna fiha, għalkemm ilha mwaqqa' madwar 140 sena. Insemmu għall-anqas il-kwadru tad-Duluri, li llum qiegħed fuq ix-xellug kif tidħol mill-bieb prinċipali. Dan il-kwadru devot, li min jaf kemm mijiet ta' pellegrini talbu quddiemu, ilu jeżisti mijiet ta' snin, għalkemm ma nafux eżatt meta sar u min pittru. **Kien offrut lill-kappella bħala wegħda minn ċertu Cosimo, li probabilment kien il-fundatur tat-tieni kappella. Fir-rokna tax-xellug fuq in-naħa t'isfel tal-kwadru tidher il-kitba li tgħid V.F.G.A. Cosimus.** Dawn l-ittri jfissru li Cosimo kien offra dan il-kwadru meta qala' l-grazzja li kien talab meta għamel il-

weghda mal-Madonna. L-antikita` ta' dan il-kwadru tidher ukoll mill-fatt li meta l-pittur Żejtuni Gużeppi Caruana rrestawrah fl-1938, hu sab li ma kenitx l-ewwel darba li dan il-kwadru ġie restawrat. Jingħad li Cosimo kien midfun fil-kappella antika tas-seklu 17. **Kien hemm imnaqqax fl-art franka forma ta' xini tal-qlugħ, li taħtu kellu midfun lil Cosimo.** Mix-xini nikkonkludu li Cosimo kien ibaħħar, u allura l-weghda għamilha meta ġie salvat minn xi għarqa jew xi ħbit tal-għadu bl-interċessjoni tal-Madonna. Dan il-qabar ta' Cosimo ġie mgħotti għal kollox, jew meta saret it-tielet kappella fl-1865, inkella meta sar il-paviment ġdid fl-1927. Mal-mixja tas-snin it-tieni kappella, li tant kienu jżuruha devoti tal-Madonna minn diversi partijiet ta' Malta, qdiemet ħafna u kellha tant ħsarat li nħass il-bżonn li tinħatt u tinbena flokha kappella ġdida.

## It-tielet kappella

Din hi l-kappella ħelwa u artistika li, għalkemm żgħira għal żminijietna, il-kbar fostna jiftakruha b'ċerta nostalġija, u li fortunatament ma ġietx imwaqqa' għal kollox meta nbniet il-knisja l-kbira li tintuża llum. Fl-1865 **Dun Ġwann Tabone, rettur tal-kappella u saċerdot ta' fama qaddisa, iddeċieda li jwaqqa' l-kappella qadima u flokha jibni waħda kompletament ġdida fuq disinn ta' l-imgħallem Żejtuni Toni Carabott, imlaqqam "Il-Pernaċċu"**. Bena kappella ġawhra ta' l-arkitettura, bis-saqaf nofs tond u b'dik il-ħlewwa ta' arkati. L-eżattezza tal-pjanta u l-preċiżjoni tal-qisien huma xi ħaġa li tiskantak. Inbniet tħares lejn iż-Żejtun u mhux lejn Ħal Għaxaq kif kienet tagħmel ta' qabilha. Kitba li tfakkar il-bini tagħha għadha teżisti fuq il-bieb tal-faċċata tagħha (li llum tinsab moħbija fil-kuritur tal-knisja l-kbira). Il-fama tal-qdusija ta' Dun Ġwann Tabone, imlaqqam "Ta' l-Għaġin", kienet xterdet ma' Malta kollha, peress li hu kien superjur tal-Missjoni l-Kbira u predikatur mill-aqwa. Miet fl-1894, u meta ndifen fiċ-ċimiterju ta' Santa Katarina, biswit San Girgor, iż-Żwieten, li qabel kienu jippreferu jindifnu fil-kannierja tal-knisja parrokkjali, bdew jitolbu li jindifnu viċin Dun Ġwann.

## Dun Spir Grixti

Fl-1894 sar rettur tal-kappella Dun Karm Vella (tal-Marniżi), li dam jieħu ħsiebha sakemm miet fl-1910, meta floku laħaq Dun Spir Grixti, li barra r-rabta li kellu mal-*Juventutis Domus*, kien ukoll prokuratur tal-knisja parrokkjali. Dun Spir ħalla fl-1917 pjaneta sabiħa tal-lama biex tintuża, kemm fil-festa tal-Familja Mqaddsa fid-Domus, kif ukoll fil-festa tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb. Dun Spir kellu ħafna għal qalbu t-tagħlim tad-duttrina lit-tfal, u xtara għall-kappella żewġ qniepen żgħar. Fi żmienu wkoll ġiet invjata u miżbugħa l-kappella u sar, **fl-1927 il-paviment li għadu jintuża sal-lum**. Kitba fl-irħam viċin ir-rixtellu tal-ħadid għadha tfakkar dan. Tgħid li kienu l-ħaddiema tal-faħam li ħarġu l-flus għal dan il-paviment. Dun Spir miet fl-1937 u floku nħatar rettur tal-kappella l-Kan. Dun Ġwann Vella. Fit-Tieni Gwerra Dinjija (1940 – 45) il-kappella ġiet milquta mill-bombi tal-għadu meta ġġarraf is-saqaf. Fl-1947, l-Onor. Dom Mintoff, li wara sar għal bosta snin Prim Ministru ta' Malta, iżżewweġ lis-Sinjorina Moyra de Vere Bentinck f'din il-kappella li diġa', bl-għajnuna tiegħu, kienet ġiet restawrata mill-ħsara li sofriet fil-gwerra.

## "Tal-Ħniena" llum

Dun Ġwann Vella bena l-knisja kbira "Tal-Ħniena" li tintuża llum. Wara l-gwerra n-numru ta' nies f'Bir id-Deheb tant kiber li nħasset il-ħtieġa urġenti ta' knisja bil-bosta akbar mill-kappella li nbniet fl-1865. Ix-xogħol beda fl-1959 fuq pjanta tal-perit Ġużeppi D'Amato. Il-bennejja kienu **Ġanni Vella u Franġisku Desira u l-ewwel quddiesa f'din il-knisja spazjuża saret fis-27 ta' Mejju, 1962**. Il-kwadru titulari tagħha hu meqjus bħala l-aqwa xogħol tal-pittur Ġorġ Preca u ġie regalat lill-knisja mill-Imħallef Vincent Camilleri u s-sinjura tiegħu. Dun Ġwann ħa ħsieb jibni wkoll dar għas-saċerdot li jkun inkarigat mill-knisja, dar li llum tintuża għat-tagħlim tad-duttrina tat-tfal. Billi l-knisja kien jonqosha xi xogħol dan tkompla fi żmien ir-retturi ta' wara,

fosthom Dun Joe Abela (jien li qed nikteb), Dun Anton Abela u Dun Remiġ Saliba. Jien ħadt ħsieb nibda l-bini tal-kampnar, bnejt il-kmamar ta' wara u rranġajt iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Dun Remiġ Saliba bena l-gallarija ta' l-orgni u ġedded is-sistema tad-dawl elettriku. Bħalissa qed ikompli bil-bini tal-kampnar u jagħti dehra ġdida u sabiħa lill-faċċata tal-knisja. Il-perit inkarigat minn dan ix-xogħol hu s-Sur Joe Magro miż-Żejtun.

Illum il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb hi fiċ-ċentru taż-żona l-aktar imbegħda mill-knisja parrokkjali u allura, ġustament, qed taqdi missjoni mportanti fil-parroċċa tagħna, billi sservi ta' ċentru ta' ħidma pastorali, mhux biss fl-amministrazzjoni tas-sagramenti u x-xandir tal-Kelma t'Alla, iżda wkoll fit-tagħlim u l-formazzjoni Nisranija tat-tfal, żgħażagħ u adulti. Kull sena ssir f'Settembru festa ħelwa bil-parteċipazzjoni ta' waħda mill-baned taż-Żejtun.


**Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta**

PO Box 74, Valletta CMR01

Tel. 2123 4075, 2123 6605 • Fax. 2124 4201

**E-mail: svella@theuma.com • Website: www.etheuma.com**

EST 1923

E. THEUMA & COMPANY LTD.

**PAULSON** *(ta' ħdejn il-Posta)*



mill-4.30 pm - 7.30 pm

GREE Airconditioners - 4 years guarantee - Starting from Lm 175

**Hair Definition Salon** *by Karen*

Misraħ ir-Repubblika, Żejtun

*Faċċata tal-Knisja*

**Tel. 2180 2448 • Mob. 9987 5795**